

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – Kneipp vs EUIPO – Patou (Joyful by nature)****(Kawża T-157/23)**

(2023/C 173/48)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Kneipp GmbH (Würzburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Pejman, avukat)

Konvenut: L-Uffċċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Jean Patou (Pariġi, Franzja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenju: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenju: Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Joyful by nature" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 159 946

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Jannar 2023 fil-Każ R 532/2022-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn ċaħdet l-appell ippreżentat mir-rikorrent kontra r-rifjut tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni għall-prodotti u s-servizzi li jaqgħu fil-Klassijiet 3, 4, 35 u 44;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tar-rikorrenti, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tal-proċidimenti ta' oppożizzjoni.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – VO vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-160/23)**

(2023/C 173/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: VO (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-20 ta' Mejju 2022 innotifikata fl-istess jum permezz ta' Ares(2022)3814828 [kunfidenzjali] (<sup>1</sup>) li permezz tagħha, fil-kwalità tagħha ta' Awtorită tal-Ħatra, hija ddeċidiet li tnaqqas lir-rikorrenti mill-grad AST2/3 għall-grad AST1/3 b'mod effettiv mid-data tal-ewwel jum tax-xahar wara din id-deċiżjoni, jiġifieri l-1 ta' Ġunju 2022;